MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 151/2014

**A B**

***vs***

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra ta' Gunju tas-sena elf disa' mija, disgha u tmenin (10/06/1989), u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied Edward u Zachary B li illum huma t-tnejn maggorenni;
2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Liza Camilleri datat disgha u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (29/03/2010) li gie awtorizzat mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri. Kopja tal-kuntatt tas-separazzjoni qed tigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba' snin legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante illi l-partijiet t-tnejn rrinunzjaw mill-manteniment minghand xulxin u lanqas ma hemm kwistjoni dwar il-manteniment li tithallas ghall-ulied li ghalkemm ghalqu 18-il sena ghadhom jistudjaw;
5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' April, 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta’ Marzu 2010;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda kwistjoni fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------